II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 151/2010

tat-22 ta' Frar 2010

li jittermina r-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tangstin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 9(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 260/2007 [2], il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tangstin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Għat-tliet kumpaniji b'dazji individwali, id-dazji fis-seħħ ivarjaw minn 17 % sa 38.8 %. Id-dazju residwu huwa ta' 63.5 %.

1.2. Talba għal reviżjoni

(2) F' Mejju 2008, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku mingħand produttur esportatur wieħed ta' ċerti elettrodi tangstin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

(3) It-talba tressqet minn Shandong Weldstone Tungsten Industry Co. Ltd. ("SWT" jew "l-applikant").

(4) L-applikant ipprovda evidenza *prima facie* li turi li, fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valuri normali kostrutti u l-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni, il-marġini ta' dumping deher li kien sostanzjalment inqas mil-livell eżistenti tal-miżura u li l-applikazzjoni kontinwata tal-miżura fil-livell eżistenti m'għadhiex neċessarja biex tpaċi d-dumping.

1.3. Tnedija

(5) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ("l-avviż ta' tnedija") ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3], it-tnedija ta' reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata għall-eżami tad-dumping sa fejn jikkonċerna lill-SWT. Il-"prodott ikkonċernat" kien l-istess bħal dak stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2007, jiġifieri elettrodi tangstin għall-issaldjar, li fihom 94 % jew iktar piż ta' tangstin, għajr dawk miksuba sempliċement bit-tagħqid permezz tas-sħana, kemm jekk ikunu maqtugħa għall-qies u kemm jekk le, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 00 u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

(6) L-investigazzjoni għad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30 ta' Settembru 2008.

(7) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant, lir-rappreżentanti tal-industrija tal-Unjoni u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur bit-tnedija tal-investigazzjoni tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' tnedija.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 72, 13.3.2007, p. 1.
[3] ĠU C 309, 4.12.2008, p. 11.

2. **L-IRTIRAR TAT-TALBA U T-TMIEM TAL-PROĊEDIMENT**

(8) B'ittra lill-Kummissjoni datata d-9 ta' Novembru 2009, l-SWT irtirat formalment it-talba tagħha għal reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tangstin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Fid-dawl tal-kriżi ekonomika reċenti, l-applikant beda jikkunsidra mill-ġdid il-vijabilità ekonomika ta' ċerti aspetti tal-operazzjonijiet tiegħu.

(9) Ir-rappreżentanti tal-industrija tal-Unjoni kkunsidraw li r-raġunijiet mogħtija mill-applikant għall-irtirar kienu ċirkostanzjali u mhux aċċettabbli.

(10) Madankollu, peress li t-talba għal reviżjoni kienet diġà ntbagħtet f'Mejju 2008, jiġifieri qabel il-bidu tal-kriżi ekonomika, u li l-applikant irtira t-talba tiegħu wara sew il-bidu tal-kriżi, meta l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja u kienet għadha ma ntemmitx, il-Kummissjoni ma tistax tqis ir-raġunijiet għall-irtirar bħala ċirkostanzjali.

(11) Ġie meqjus jekk ikunx ta' min l-investigazzjoni tar-reviżjoni titkompla *ex officio*. Il-Kummissjoni qieset li t-tmiem tal-investigazzjoni ma taffettwax il-miżuri anti-dumping u ma waslu l-ebda argumenti konvinċenti li t-tmiem ikun kontra l-interess tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, l-investigazzjoni tar-reviżjoni għandha tiġi terminata.

(12) Il-partijiet interessati ġew informati dwar l-intenzjoni li l-investigazzjoni tar-reviżjoni tiġi terminata u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma waslu l-ebda kummenti tali li jalteraw il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi 10 u 11.

(13) Għalhekk il-konklużjoni hi li r-reviżjoni li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tangstin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandha tiġi terminata mingħajr ma jiġu emendati l-miżuri anti-dumping li hemm fis-seħħ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tangstin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li tnediet skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 hija b'dan terminata mingħajr emendi għall-miżuri anti-dumping fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
C. ASHTON